# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 18 ta' Marzu 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 58/2004 PC**

**Joseph Aquilina u Victor Aquilina f'isimhom proprju u bħala proprjetarji tal-ażjenda kummerċjali Tokyo Japan**

**vs**

**Francis sive Frankie Spiteri u martu Rita Spiteri f'isimhom proprju u bħala proprjetarji tal-ażjenda kummerċjali Frank's Auto Parts**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-atturi kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' disat elef, seba' mija u disgħin liri Maltin u ħames ċenteżmu (Lm9,790.05ċ) rappreżentanti l-prezz ta' magni, *spare parts* u *body parts* tal-karozzi lilhom mibjugħa u konsenjati kif jidher miż-żewġ prospetti annessi, wieħed (Dok. A) konsistenti fil-merċe konsenjata, u l-ieħor (Dok. B) konsistenti fil-merċe imħallsa akkont;

Illi minkejja illi interpellati jħallsu dan l-ammont permezz ta' ittra bonarja datata 10 ta' Mejju, 2004 (Dok. C), l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Illi d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-atturi, l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet validi x'jopponu kontra t-talbiet tal-atturi.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċidi l-kawża a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dispensa mis-smiegħ;

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' disat elef, seba' mija u disgħin liri Maltin u ħames ċenteżmi (Lm9,790.05ċ);

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' disat elef, seba' mija u disgħin liri Maltin u ħames ċenteżmi (Lm9,790.05ċ), dovuti kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra bonarja datata 10 ta' Mejju, 2004 u tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwament maċ-ċitazzjoni preżenti, u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament minn Victor Aquilina.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi parti sostanzjali mill-ammont pretiż mill-atturi hija ġia' mħallsa u mill-konvenuti u dana kif jiġi dettaljatament spjegat u ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi oltre' dan l-ammont mitlub mill-atturi huwa wieħed eżaġerat għaliex sussegwentement għall-bejgħ ta' ċerti prodotti lill-konvenuti, l-atturi żiedu jew kabbru l-prezz ta' l-istess oġġetti meta nħarġu *statements* aktar tard fejn kienu elenkati l-istess oġġetti;

3. Illi oltre' dan l-ammont pretiż mill-atturi jinkludi wkoll il-prezz ta' *parts* li l-konvenuti qatt ma ordnaw mingħand l-atturi u li għalhekk huma talbu lill-atturi biex jeħduhom lura u qed jirrifjutaw li jħallsu l-prezz tagħhom;

4. Illi oltre' dan l-ammont pretiż mill-atturi jinkludi prezz ta' magni li l-atturi allegatament biegħu lill-konvenuti, liema magni qatt ma nbiegħu lill-konvenuti u fil-fatt fuq l-i*statements* prodotti mill-atturi huma indikati b'*engine numbers* li qatt ma eżistew, u dan kif jiġi dettaljatament ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

5. Illi oltre' dan l-ammont pretiż mill-atturi jinkludi wkoll prezz ta' magni li qatt ma kienu akkumpanjati bi-Form 'A' u għalhekk il-konvenuti talbu lill-atturi sabiex jeħduhom lura u jirrifondulhom il-prezz tagħhom ġia mħallas mill-istess konvenuti, oltre' l-prezz tax-xogħol tal-mekkanik illi ħadem fuq l-installazzjoni ta' dawn il-magni, li aktar tard kellhom jinqalgħu biex jiġu sostitwiti b'magni oħra li l-konvenuti xtraw għal darb' oħra mingħand terzi persuni sabiex ikunu akkumpanjati biċ-ċertifikat relattiv tal-magna;

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Francis Spiteri.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2005 fejn innominat lill-accountant John Buttigieg bħala perit komputista f'din il-kawża.

Rat ir-rapport tal-perit komputista John Buttigieg, ppresentat fis-16 ta' Novembru 2010 u minnu maħluf fit-18 ta' Frar 2011.

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-atturi lill-istess perit komputista.

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-konvenuti lill-istess perit komputista.

Semgħet lill-accountant John Buttgieg iwieġeb għad-domandi in eskussjoni li sarulu mill-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru 2011 fejn, fuq talba tal-konvenuti, ħatret lill-accountants Malcolm Meilaq, Anthony Farrugia u Josef Mercieca bħala periti addizzjonali f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-istess periti ppresentata fl-14 ta' Diċembru 2012, debitament maħlufa minnhom. Ir-relazzjoni ġiet maħlufa minn Malcolm Meilaq fl-4 ta' Ġunju 2013, Anthony Farrugia fis-17 ta' Mejju 2013 u Josef Mercieca fl-24 ta' Ġunju 2013.

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-atturi lill-periti addizzjonali.

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-konvenuti lill-periti addizzjonali.

Rat ir-risposti tal-periti addizzjonali għal dawn id-domandi, minnhom debitament maħlufa. Id-domandi ġew maħlufa minn Malcolm Meilaq fil-25 ta' Frar 2016, Anthony Farrugia fil-11 ta' Ġunju 2016 u Josef Mercieca fl-1 ta' Marzu 2016.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti, ppresentata fit-30 ta' Ottubru 2015, wara li ġew debitament awtorizzati għal dan il-fini b'digriet tal-20 ta' Settembru 2015, u li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-ammonti mitlub abbażi tal-fatturi numru 88u 294 huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(B) tal-Kapitolu 16, filwaqt li l-ammont mitluba abbażi tal-fattura numru 186 huwa preskritt ai termini tal-arikolu 2156 (f).

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti eżebiti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' Lm9,790.05ċ rappreżentanti bilanċ dovut għall-bejgħ ta' magni, *spare parts* u *body parts* ta' vetturi mibjugħa u konsenjati lilhom. L-atturi, fiż-żmien li nfetħet din il-kawża, kienu armati b'ħanut il-Gżira bl-isem ta' "Tokyo, Japan". Xogħolhom kien li jbiegħu l-magni u tagħmir marbut maż-żamma tal-vetturi. Il-konvenuti konjuġi Spiteri għandhom ħanut bl-isem "Frank's Auto Parts" fi Triq Borg Olivier, ir-Rabat, Għawdex, minn fejn ibiegħu ukoll tagħmir għall-vetturi. Għal xi żmien huma kienu jixtru diversi magni u tagħmir ieħor għall-karozzi mingħand l-atturi, u anke jbiegħu oġġetti simili lill-istess atturi. Fil-prospett esebit bħala 'Dok.B' maċ-ċitazzjoni l-atturi jgħidu li tal-oġġetti mibjugħa u konsenjati lill-konvenuti u li tagħhom għadhom ma tħallsux kellhom jieħdu Lm12,840.40ċ,[1] li minnhom iridu pero' jitnaqqsu Lm3050.35ċ ta' oġġetti li xtraw huma stess mingħand il-konvenuti, kif jidher fuq il-prospett 'Dok.A' anness ukoll maċ-ċitazzjoni, [2] biex il-bilanċ ta' Lm9790.05ċ iġib appuntu l-ammont reklamat minnhom f'din il-kawża.

Il-konvenuti, kif jidher min-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom qed jikkontestaw it-talba għas-segwenti raġunijiet:

[1] Ara dan id-dokument a fol.7 – 9 tal-process
[2] A fol. 5 – 6

1. li parti sostanzjali mill-ammont pretiż mill-atturi hija ġia mħallsa;

2. l-ammont mitlub hu wieħed esagerat, għax l-atturi żiedu jew kabbru l-prezz tal-oġġetti mibjugħa;

3. illi l-atturi talbuhom iħallsu ta' *parts* li l-konvenuti qatt ma ordnaw;

4. li l-ammont kien jinkludi prezz ta' magni li l-atturi qatt ma biegħu lill-konvenuti, b'numri ta' magna li qatt ma eżistew; u

5. li xi magni ma kienux akkumpanjati mill-hekk insejħa "Form A" maħruġa mid-Dwana, biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.

L-ewwel perit komputista rrelata li l-atturi kellhom raġun jirreklamaw Lm8,290.05ċ, u mhux dak mitlub fiċ-ċitazzjoni, u dan wara li sab li:

1. *"… fid-dokument B hemm invoices nru.243 [Dok.JF 4 (p)] u 252 [Dok.JF 4 9(q)] li jgibu l-istess data ta' 20 ta' Lulju 1999, it-tnejn jaghmlu referenza ghal delivery note 124. Fil-fatt d-Delivery Note 124 tindika l-istess oggetti li hemm fuq invoice 243. L-esponent jikkonkludi li l-invoice 252 hija mdahhla zejda fuq l-istatement. Ghalhekk l-ammont ta'* ***Lm1200*** *(Eur2,795.25) irid jonqos mill-istatement Dok.B." u*

2. *"… l-invoice Nru255 [Dok JF4®] tikkoncerna magna ta' karozza li giet ordnata mill-konvenuti imma marret dirett ghand certu mechanic Carmel Spiteri. Din il-magna skond l-affidavit tal-mechanic Spiteri stess, li kopja tieghu qeghda fil-file, il-magna marret lura ghand l-attur wara xi zmien. Kien l-attur stess li gabar din il-magna. Ma kien hemm l-ebda credit note fuq din l-invoice u l-atturi lanqas cahdu dan. Ghalhekk l-esponent ihoss li l-ammont ta' l-invoice Nu.255 li kien ta'* ***Lm300*** *(EUR698.81) irid jonqos mill-istatement Dok.B."* [3]

Il-konvenuti ma kienux kuntenti b'dawn il-konklużjonijiet għax baqgħu jippretendu li kellu jitnaqqas iżjed mill-ammont mitlub, u għalhekk talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali. Dawn għamlu rapport ferm iżjed dettaljat minn dak tal-ewwel perit komputista u, wara li elenkaw il-fatturi kollha li dwarhom irriżulta li ma kien hemm l-ebda problema, eżaminaw bir-reqqa l-ilmenti tal-konvenuti dwar kull fattura minnhom kontestata.[4] Ir-rendikont Dok. A li jirrappreżenta l-fatturi dwar l-oġġetti mixtrija mill-atturi mingħand il-konvenuti jidher li ġie aċċettat mill-konvenuti u ma tqajjem ebda lment dwaru. Mir-

[3] Ara konkluzjonijiet tiegħu a fol. 174 -175 tal-process
[4] Ara rapport tagħhom a fol. 495 - 526

rendikont Dok. B li jelenka l-fatturi kollha li nħarġu mill-atturi lill-konvenuti bejn l-20 ta' Awwissu 1998 u s-26 ta' Mejju 1999, irriżulta lill-periti addizzjonali li l-konvenuti kienu jaċċettaw bħala dovuti l-fatturi indikati a fol. 5 tar-relazzjoni peritali, u fil-fatt dwar uħud minnhom anke laħqu saru il-pagament.[5] Il-kontestazzjoni kienet dwar il-fatturi numri: 88, 112, 132, 133, 137, 138, 166, 186, 187, 227, 243, 252, 255, 294, 324, 335, 350 u 360, li ġew ittrattati waħda waħda mill-periti addizzjonali, kif ser naraw.

**Il-fattura nru. 88** datata s-19 ta' Settembru 1998 ta' valur ta' Lm1230: Billi fuq id-*delivery note* relattiva kienu ġew indikati biss: "*Bongo half cut*" u "*Izuzu 4JB1 engine*", il-periti addizzjonali naqqsu Lm300 relattivi għall-magna l-oħra (Izuzu engine 4EC 1FF) li dwarha ma kienx hemm prova li waslet għand il-konvenuti. Imma wara li ġie ppresentat ir-rapport tal-periti addizzjonali, l-atturi rnexxielhom isibu kopja tal-Form A tad-Dwana datat is-6 ta' Awwissu 1998 li jindika magna ta' dan it-tip, u li kienet iffirmata minn ċertu "Martin", impjegat tal-konvenuti, li kien ġabar hu stess din il-magna.[6] Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar din il-firma. Dwar l-istess fattura l-konvenuti eċċepew ukoll il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar taħt l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16.[7] Imma fin-Nota ta' sottomisjonijiet tagħhom tal-11 ta' Jannar 2016, l-atturi jikkontendu korrettement li fid-deposizzjoni tiegħu tas-16 ta' Ottubru 2015 il-konvenut irrinunzja taċitament għal din il-preskrizzjoni, a tenur tal-artikolu 2109(2), meta qal ripetutament li ma kellux problema fuq din il-fattura, imma fuq oħra maħruġa wara (il-fattura nru.294) li kienet tidher li kienet fattura dubblikata tagħha.[8] Barra minn hekk, billi hawnhekk kellna sitwazzjoni ta' kont kurrenti, kif imfisser fl-artikoli 264 -272 tal-Kap.13, imħaddem għal diversi snin bejn il-kontendenti, fejn il-pagamenti akkont da parti tal-konvenuti baqgħu isiru sal-20 ta' Lulju 2003,[9] il-preskirzzjoni ma setgħetx tibda tgħaddi qabel mal-kont ġie likwidat. Għax kif ingħad mill-Qrati tagħna:

"*Attesoche' il tempo prescritto della azione nascente dal conto corrente, che e' un contratto sui generis, non incomincia a decorrere prima che il conto non sia liquidato colla sua chiusura – talche' esso puo rimanere aperto per lungo spazio di tempo, senza pericolo d'incorrere, per motivo di prescrizione, nella perdita dell'azione pel credito, che ne deriva.*" [10]

[5] Fol.499 tal-process
[6] Dok.JA 1fol.595 tal-process; ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Aquilina a fol. 588 590
[7] A fol.706 tal-process
[8] Ara xhieda ta'Francis Spiteri a fol.686 tal-process
[9] Ara Dok.B anness mac-citazzjoni
[10] Qorti tal-Kummerc: Giovanni Ziongo vs Giuseppe Papagiorcopulo, 7.03.1872; Kollez. Vol.VI.137

U kif jikkontendu l-istess konvenuti fl-aħħar Nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, dan il-kont baqa' qatt ma ġie likwidat minħabba d-diversi kwistjonijet fuqu li nqalgħu. Jirriżulta għalhekk li din il-fattura hija dovuta fl-intier tagħha.

**Il-fattura nru. 133** datata t-23 ta' Novembru 1998 għall-ammont ta' Lm700: L-atturi jirrikonoxxu li rċevew Lm200 akkont ta' din il-fattura, filwaqt li l-konvenuti jsostnu li ħallsu wkoll il-Lm500 l-oħra kif jidher mill-kelma "*paid*" u l-firma ta' Joseph Aquilina ħdejha.[11] Il-periti addizzjonali kkonkludew li fil-verita' l-ammont li kien għadu dovut minn din l-*invoice* kien ta' Lm397 skont ma ġie ndikat fuq rendikont rilaxxjat mill-atturi fit-28 ta' Marzu 2000.[12] Fi kwalunkwe każ, pero', ġialadarba l-atturi ma kkontestawx dik li tidher li hija l-firma ta' Joseph Aquilina fuq dan id-dokument, l-ammont ta' **Lm500** għandu jitnaqqas mis-somma reklamata.

**Il-fattura nru. 138** datata s-7 ta' Diċembru 1998 tal-valur ta' Lm30: Għalkemm tidher fir-rendikont Dok. B, irriżulta lill-periti addizzjonali li ż-żewġ naħat jaqblu li din hija mħallsa,[13] u għalhekk dawn it-**Lm30** għandhom jitnaqqsu wkoll mill-ammont mitlub.

**Il-fattura nru. 166** datata s-17 ta' Frar 1999 tal-valur ta' Lm20: Il-konvenuti jsostnu li dan l-ammont tħallas *cash*, u nfatti ma jidhirx fir-rendikont tat-28 ta' Marzu 2000.[14] Dan ġie konfermat mill-periti addizzjonali, u għalhekk is-somma ta' **Lm20** għandha titnaqqas ukoll mill-ammont mitlub.

**Il-fattura nru. 187** tal-valur ta' Lm5350: Dwar din il-konvenuti kellhom żewġ diffikultajiet.

L-ewwel waħda kienet tikkonċerna n-numru ta' *half-cut vehicles*. Il-fattura tindika tmienja (8) mibjugħa, mentri l-konvenuti jsostnu li attwalment irċevew seba' (7) biss. Irriżulta li dwar din il-fattura saru żewġ *delivery notes*, li pero' l-ebda waħda minnhom ma ġiet iffirmata mill-konvenuti jew xi rappresentant tagħhom.[15] Dawn in-noti ta' kunsinna jirriżulta li jġibu l-istess data u hemm distakk biss ta' seba' numri korsivi bejniethom, (25 -32), ħaġa li l-periti komputisti qiesu bħala normali f'negozju bħal dan, tant li aċċettaw li l-bejgħ tat-tmien

[11] Ara kopja tad-delivery note 21 a fol.634 tal-process
[12] Ara Dok.GS 1 a fol.252
[13] Ara relazzjoni a fol. 505 tal-process
[14] Dok.GS 1 a fol.252 – 254
[15] Esebiti a fol.97, 98 tal-process

*half-cut* kien tassew sar ukoll. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandiex taċċetta din il-konklużjoni.

It-tieni diffikolta' kienet tirrigwarda tnaqqis li l-atturi kellhom jagħmlu minħabba difetti li rriżultaw fil-magni tal-Mazda. Fir-rendikont Dok. B fil-kolonna dwar "*Remarks*" fil-linja fejn piet indikata din il-fattura, hemm imniżżel dawn il-kummenti: "*Mazda 13 B's were one w/o GB & one seized.*" Jidher għalhekk li l-atturi kienu jirrikonoxxu l-eżistenza ta' dawn id-difetti, u nfatti għamlu riduzzjoni ta' Lm150 dwar il-gear box, imma naqsu li jagħtu skont ukoll tal-Lm200 pretiżi mill-konvenuti dwar il-magna ġġamjata. Il-Qorti taqbel mal-periti addizzjonali li, fiċ-ċikostanzi, din ir-riduzzjoni kellha ssir ukoll, u għalhekk dawn il-**Lm200** għandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut.

**Il-fattura nru. 252** tal-valur ta' Lm1200: Dwar din il-periti addizzjonali qablu mal-konklużjoni tal-ewwel perit li din il-fattura kienet dupplikazzjoni tal-fattura 243, u għalhekk kellha tiġi kanċellata. Dan l-ammont ta' **Lm1200** għandu konsegwentement jiġi mnaqqs ukoll mill-ammont rikjest.

**Il-fattura nru. 255** tal-valur ta' Lm300: din kienet tirreferi għal magna li kienet ġiet ikkonsenjata direttament lill-*mechanic* Carmel Spiteri, ma ntużatx u reġgħet inġabret mill-attur Joseph Aquilina. Dan ikkonfermah l-istess Carmel Spiteri,[16] u ma ġiex miċħud mill-atturi. Sew l-ewwel perit, kif ukoll dak addizzjonali qablu li dan l-ammont għandu jitnaqqas, u l-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni. L-ammont ta' **Lm300** għandu għalhekk jitnaqqas ukoll mill-ammont mitlub.

**Fattura nru. 294** tal-valur ta' Lm690: Din il-fattura tirriżulta mħallsa, u dan kif ikkonferma l-attur Joseph Aquilina fl-affidavit tiegħu,[17] u kif indikat ukoll fir-rendikont Dok. B fejn jidhru żewġ pagamenti ta' Lm345 il-wieħed, bid-dati tal-10 u l-20 ta' Lulju 2003 rispettivament.[18] Imma l-konvenuti jsostnu li l-"*Bongo half-cut*" indikata f'din il-fattura, hija l-istess waħda mniżżla wkoll fil-fattura nru. 88. Imma, kif sewwa kkumentaw il-periti addizzjonali f'dan ir-rigward, bejn il-fattura 88 u dik in kwistjoni għaddew sena u tliet xhur u laħqu nħarġu iżjed minn 31 fattura oħra, u dan apparti l-fatt li l-prezz tal-*half-cuts* indikat fiż-żewġ fatturi huwa differrenti (fl-88 huwa ta' Lm300, mentri fit-294 huwa Lm490). Kieku l-konvenuti kellhom dubbju dwar xi

[16] Ara affidavit tiegħu a fol.267 tal-process
[17] A fol.50 tal-process
[18] Afol. 8 tal-process

dupplikazzjoni ta' fatturi, iktar kien jagħmel sens li jħallsu l-ewwel fattura u mhux dik li għalihom kienet duppikata.[19] Dwar din il-fattura l-konvenuti eċċepew ukoll il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap.16.[20] Imma billi l-ammont relattiv ġia tħallas, ma tista' tapplika ebda preskrizzjoni hawnhekk.

**Fattura nru. 324** tal-valur ta' Lm1060: Il-konvenuti jikkontendu li m'għandhom l-ebda *record* ta' din l-ordni. Imma sew id-data, kif ukoll l-oġġetti u l-prezz relattiv, kemm fuq il-fattura,[21] kif ukoll fuq in-nota ta' kunsinna nru. 311,[22] jirriżulta li huma identiċi. Il-periti addizzjonali svelaw ukoll li l-konvenut kien ikkonferma magħhom li l-firma fuq din in-nota ta' kunsinna kienet tiegħu.[23] Ġialadarba ma ġiex allegat li din il-kunsinna tirreferi għal xi fattura oħra, għandha tittieħed bħala li tassew tikkorrispondi mal-fattura in kwistjoni.

**Fattura nru. 335** tal-valur ta' Lm510: Il-konvenuti jsostnu li din il-fattura tinsab ġia mħallsa. Ġara li kien hemm fattura oħra għall-istess ammont, dik li ġġib in-numru 419, imma d-deskrizzjoni tal-oġġetti ordnati fiż-żewġ fatturi huma kompletament differenti.[24] Din tal-aħħar, pero', kienet immarkata "*cash sale*"[25] u l-atturi jgħidu li *cheque* nu. 2061 għal dan l-ammont maħruġ mill-konvenut ġimgħa biss wara d-data tal-fattura 419 ġie kunsidrat bħala ħlas ta' din il-fattura. Infatti fuq l-istess dokument jidher ukoll notament bil-kliem "*chq.2061*" u d-data "9.4.01" li presumibilment hija d-data tal-istess *cheque.* Il-Qorti taqbel ma' dak li qalu l-periti addizzjonali f'dan ir-rigward fis-sens li, ġialdarba l-konvenuti ma kienux f'posizzjoni jġibu l-prova tal-ħlas ta' Lm510 fir-rigward taż-żewġ fatturi, jiġi li waħda minnhom għadha dovuta.

**Fattura nru. 350** tal-valur ta' Lm40: Din tirreferi għal żewġ *headlamps*, li pero' waħda minnhom irriżultat difettuża u ġiet ritornata. L-atturi dan ma ċaħduhx, u allura hemm lok għal riduzzjoni ta' **Lm20**.

**Fattura nru. 360** tal-valur ta' Lm300: Il-konvenuti jikkontendu li din l-ordni ġiet imħassra, u nfatti d-*delivery note* relattiva tidher b'ħafna tħażżiż fuqha.[26] Terġa' fil-kolonna tar-rimaki fuq id-Dok. B hemm

---

[19] Ara relazzjoni peritali a fol. 510 - 511 tal-process
[20] Ara Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri a fol.706
[21] A fol.110 tal-process
[22] A fol.111 tal-process
[23] Ara rapport a fol.512 tal-process
[24] Ara kummenti tal-periti addizzjonali a fol.513 tal-process
[25] Ara Dok. RS a fol.260 tal-process
[26] Ara kopja a fol. 119

imniżżel il kelma "*query*" bi tliet punti interrogattivi warajha. F'tali ċirkostanzi, l-Qorti taqbel li għandha temmen lill-konvenut f'dan ir-rigward, u għalhekk l-ammont ta' **Lm300** għandu jiġi mnaqqas ukoll mill-ammont mitlub.

**Fattura nru. 227** tal-valur ta' Lm6700: Dwar din il-fattura hemm żewġ ilmenti. Waħda tirreferri għall-fatt illi ż-żewġ "*Daihatsu Charade Half-cuts*" tal-valur ta' Lm900, u s-"*Subaru Justy*" tal-valur ta' Lm450 indikati fuq din il-fattura kienu ta' mudelli oħra li ma kellux bżonn il-konvenut, li jgħid li l-atturi kienu aċċettaw li jeħduhom lura imma baqgħu għandu. Madankollu, kif tajjeb jissottomettu l-atturi f'dan ir-rigward fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti messhom ħadu passi biex jikkanċellaw dan il-bejgħ bl-azzjoni redibitorja a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kap.16, u ma żammewx dawn l-oġġetti għandhom dan iż-żmien kollu, għax kif insibu fil-ġurisprudenza:

"*…kompratur li jixtri oggett li wara jiskopri li kien bil-hsara jew difettuz, ma jistax, filwaqt li jibqa' jzomm il-haga, jirrifjuta li jhallas il-prezz meta jigi mitlub jaghmel dan. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita' miftiehma jew bi hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih, inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob tnaqqis fil-prezz, pero' irid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu.*"[27]

L-oħra tikkonċerna allegata żieda ta' Lm100 fil-prezz ta' "*Honda Civic Half - cut*" minn dak li kien ġie indikat oriġinarjament fuq il-fattura. Il-periti addizzjonali dan ma setgħux jikkonfemawh mid-dokumenti murija lilhom mill-konvenut,[28] u għalhekk lanqas m'hi ser issir ebda riduzzjoni f'dan ir-rigward.

**Il-fattura nru. 186** tal-valur ta' Lm1130: Għalkemm il-konvenuti jilmentaw illi qatt ma ngħataw il-lista tan-numri tal-magni mibjugħa b'din l-ordni, kif sewwa jindikaw il-periti addizzjonali, fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħhom quddiem l-ewwel espert, il-konvenuti kienu stqarrew illi l-fatturi ndikati fl-istess Nota kienu korretti u għalhekk dovuti, u fost dawn insibu proprju l-fattura numru 186.[29] Dwar din il-fattura l-konvenuti eċċepew ulterjorment il-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156(f). Imma din għandha titqies rinunzjata in vista tal-ammissjoni tagħhom stess kif magħmula fin-Nota tal-Osservazzjonijiet hawn indikata.

---

[27] Appell: Pitre' vs Muscat: 25.04.2008
[28] Ara rapport tagħhom a fol. 516 - 517
[29] A fol. 189 -190 tal-proċess

**Il-fattura nru. 137** tal-valur ta' Lm550: Għalkemm il-konvenuti jikkontendu li din il-fattura hija korretta biss sas-somma ta' Lm500, mill-verifiki li saru mill-periti addizzjonali, rriżulta li oġġett tal-valur ta' Lm250 ġie mħallas direttament minn klijent tal-konvenut imlaqqam "in-Nejna", u dan jikkonfermawh ukoll l-atturi fir-rendikont Dok. B, filwaqt illi l-bqija ġie akkreditat permezz ta' *cheque* nru. 2114 maħruġ mill-konvenut, li parti minnu fl-ammont ta' Lm300 ġie allokat għal din il-fattura. Dan jirriżulta wkoll mid-Dok. B, u għalhekk m'hemm xejn iżjed x'jitnaqqas f'dan ir-rigward.

**Fattura nru. 132** għall-valur ta' Lm32: Il-konvenut isostni li dan l-oġġett kien ġie mgħoddi lilu "*on consignment*" biex jipprova jsib il-bejgħ tiegħu. L-atturi ma jaqblux, u lanqas jirriżulta li l-konvenut ittenta jirritornah lill-atturi wara li ma sabx il-bejgħ mixtieq. Fin-nuqqas ta' prova sodisfaċenti f'dan ir-rigward, din il-pretensjoni ma tistax tiġi aċċettata.

**Fattura nru. 243** għall-valur ta' Lm1230: Il-konvenut jgħid li din għandha tiġi ridotta b'Lm250 minħabba li *body part* ta' Toyota ġiet konsenjata bi żball. Ma ssemmiex li din il-*part* ġiet ritornata, imma jidher li baqgħet f'idejn il-konvenut. Bħal fil-każ ta' oġġett mhux tal-kwalita' pattwita, dan kellu jiġi ritornat malli l-konvenut jinduna bl-iżball, u mhux iżommu għandu mbagħad jirrifjuta li jħallas tiegħu.
**Fattura nru. 75** għall-valur ta' Lm200: il-konvenut jgħid li din diġa' mħallsa. Infatti rriżulta lill-periti addizzjonali li għalkemm tniżżlet fid-Dok. B, fl-istess rendikont hemm reġistrat ukoll li dan id-dejn kien ġie saldat bl-istess ammont.

**Fattura nru. 112** għall-valur ta' Lm300: din ukoll irriżultat lill-periti addizzjonali li għalkemm tniżżlet fir-rendikont, joħroġ mill-istess rendikont li kienet tħallset.

**Allegazzjoni dwar pagamenti li saru mill-konvenut u li ma jidrux fid-Dok. B**:

(a) Cheque nru. 1204 għal Lm200: l-atturi jikkontendu li dan sar in sodisfazzjon ta' *cash sale*, imma ma kienux f'posizzjoni li jikkonfemaw dan. Bħall-periti addizzjonali l-Qorti taqbel għalhekk li s-somma ta' **Lm200** għandha tiġi ridotta mill-ammont mitlub;

(b) Cheque nru. 1205 għal Lm50: dan kien intestat lil ċertu Angelo Aquilina li jidher li ma kellu xejn x'jaqsam ma'dan in-negozju;

(c) Cheque nru. 1771 għal Lm370: l-atturi hawnhekk ukoll jgħidu li dan kien jirrigwarda *cash sale*. Mitluba jipprovdu evidenza dwar din it-transazzjoni, l-atturi baqgħu inadempjenti, u għalhekk is-somma ta' **Lm370** għandha tiġi ridotta wkoll mill-ammont mitlub;

(d) Pagament *cash* ta' Lm350: irriżulta lill-periti addizzjonali li dan il-ħlas kien ġie mnaqqas meta sar ir-rendikont Dok. B;

(e) Pagament *cash* ta' Lm70 u ieħor *cash* ukoll ta' Lm50: dawn irriżultaw lill-periti addizzjonalili tassew ġew imħallsa, mingħajr ma ġew imnaqqsa fir-rendikont Dok. B, u għalhekk hemm lok li s-somma ta' **Lm120** tiġi ridotta mill-ammont mitlub.

**Magni mingħajr il-"Form A":** Il-konvenuti jilmentaw li rċevew diversi magni li ma kienux akkumpanjati mill-Form A tad-Dwana li allura ma setgħux jintużaw fuq vetturi tal-klijenti tagħhom. L-atturi dan jiċħduh, u jsostnu li dawn il-formoli dejjem ġew mgħoddija lill-konvenut. Il-konvenut elenka ħames magni li baqgħu għandu għax ma setgħax jużahom minħabba din ir-raġuni, u esebixxa wkoll ritratti tagħhom.[30] Jgħid ukoll li nefaq l-ispejjeż ta' *mechanic* biex jibdel żewġ magni minn dawn ma' oħrajn konformi mal-liġi. Imma hawn ukoll, in-nuqqas tal-konvenut li jieħu passi biex minnufih ma jaċċettax dawn il-magni jekk mhux akkumpanjati minn din il-formula, jew li jirritornahom ġialadarba rrealizza li l-istess *forms* ma kienux ser jiġu mgħoddija lilu, u jitlob li l-bejgħ jiġi kanċellat a tenur tal-*actio redhibitoria*, ma jintitolaħx issa li jirrifjuta li jħallas tagħhom, u dan a bażi tal-prinċipji ġia enunċjati.

Għal din il-Qorti jirriżulta għalhekk li globalment hemm lok għal riduzzjoni ta': Lm500 + Lm30 + Lm20 + Lm200 + Lm1200 + Lm300 + Lm20 + Lm300 + Lm200 + Lm370 + Lm120 = Lm3260.

L-atturi qed jirreklamaw: Lm9790.05. Minn dawn iridu jitnaqqsu: Lm3260, biex allura jibqa' li għadha dovuta s-somma ta' **Lm6530.05**. In vista tal-kumplikazzjonijiet kollha li rriżlutaw eżistenti fil-kontijiet rispettivi, kuntrarjament għal dak li ntqal fiċ-ċitazzjoni, l-ammont mitlub qatt ma seta' jiġi kkunsidrat bħala wieħed ċert, likwidu u dovut. Ikun opportun għalhekk li l-imgħaxijiet fuq is-somma realment dovuta jinbdew jgħoddu mid-data tas-sentenza.

---

[30] Dokti. Q sa W

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijet tal-preskrizzjoni u tilqa' uħud mill-ilmenti tal-konvenuti, tilqa' in parti biss it-talbiet attriċi u tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' sitt elef ħames mija u tletin lira maltija u ħames ċentezmi, (Lm6530.05ċ), ekwivalenti llum għal ħmistax il-elf mitejn u ħdax il-euro (€15,211), bl-imgħaxijet legali relattivi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuti u terz (1/3) mill-atturi stess.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur